

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2007/2187(INI)

26.10.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda
(2007/2187 (INI))

Rapporteur għal opinjoni: Miroslav Mikolášik

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jisħaq fuq l-irwol ewlieni tar-reġjuni fl-iżvilupp u l-istrutturar ta' l-ERA u fl-għajna biex tingħeleb il-frammentazzjoni fir-riċerka pubblika Ewropea;
2. Ihegġegħ lill-Istati Membri u r-reġjuni biex joħolqu strateġiji għall-iżvilupp ta' riżorsi fiżiċi u riżorsi umani fir-riċerka u fl-innovazzjoni li tkopri, per eżempju, it-titjib u l-provvista ta' infrastrutturi tar-riċerka, mobilità miżjuda għar-riċerkaturi, inizjattivi lokali biex iħajru lir-riċerkaturi, it-tneħħija ta' *barrieri legali, amministrattivi u lingwistiċi*, skambju ta' staff u biex jiġi żgurati l-aċċess *għal kulħadd, speċjalment għar-riċerkaturi nisa u għaż-żgħar; ihegġegħ ukoll lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol għar-riċerkaturi, billi jintroduċu l-miżuri neċessarji biex jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali ma' dik familjari*;
3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu l-iżvilupp ta' ċentri ta' riċerka akkademika u xjentifika reġjonali u ta' gruppi reġjonali mmirati għar-riċerka u ta' ċentri reġjonali ta' eċċellenza, filwaqt li jħeġġu koperazzjoni pan-Ewropea iżjed mill-qrib fost ċentri bħal dawn; jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni biex iħeġġu l-iskambju ta' għarfien fost ċentri bħal dawn, b'mod partikolari permezz ta' mobilità tar-riċerkaturi, u biex jiżviluppaw netwerks virtwali u komunitajiet tar-riċerka;
4. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jiżguraw iffinanzjar ottimali għall-attivitajiet tar-riċerka nazzjonali u reġjonali definiti fil-Programmi Operattivi u biex jiżguraw l-iskambju effiċjenti ta' prattiki tajbin u koperazzjoni bejn ir-reġjuni; barra minn hekk jisħaq fuq il-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali għall-iffinanzjar provdut permezz tal-Programmi ta' Qafas tar-Riċerka u mill-Fondi Strutturali, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet speċifiċi tan-netwerks reġjonali li permezz tagħhom jintużaw dawk il-fondi;
5. Jenfasizza li koperazzjoni R&D fil-mira tista' trawwem opportunitajiet mad-dinja kollha għall-R&D immexxija mill-Ewropa; għalhekk ihegġegħ biex is-sistemi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali jkunu marbuta ma' netwerks fl-Ewropa u lil hinn minnha, għalkemm konformi ma' l-oġettiv ta' l-ERA biex jiġu żgurati l-koerenza tal-programmi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali u l-prijoritajiet ta' interess Ewropew; jemmen li koperazzjoni bejn il-fruntieri għandha tiġi żviluppata bħala mezz li bih tintlaħaq massa kritika u jitlestew il-preparamenti għall-internazzjonalizzazzjoni.